QORTI CIVILI
(SEZZJONI TAL-FAMILJA)

ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MCKEON

Illum il-Hamis 28 ta` Jannar 2016

Kawza Nru. 1

**Fl-Atti tal-Mandat *in procinctu* Nru 305/13 JZM fl-ismijiet :-**

**Maria sive Mariella Borg, (ID 223468M)**

***kontra***

**Patrick Borg**

**Wara l-Atti tac-Citazzjoni Nru 1192/03 NC**

**Deciza mill-Qorti tal-Familja fit-2 ta` Frar 2011 u mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta` Frar 2012**

Il-Qorti :

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fl-10 ta` Dicembru 2013 li jaqra hekk :–

*1. ILLI r-rikorrenti giet kanonizzata in forza ta` sentenza tal-Qorti ta` l-Appell tat-3 ta` Frar 2012, Dok A kreditrici fis-somma ta` tmienja u tmenin elf Euro tlett mija erbgha u disghin (€88,394) li fiha ukoll tinkludi t-taxxa legali tal-Qorti Dok AA u l-VAT fuq id-drittijiet professjonali, eskluz l-imghax legali mid-data tas-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell sal-hlas effettiv. L-imsemmija somma hija hekk rizultanti wara li diga` tnaqqas l-ammont ta` Euros **18,636** dovuti lill-intimat skont l-istess sentenza.*

*2. ILLI din is-somma hija dovuta skont zewg sentenzi, wahda tal-Qorti tal-Familja fil-kawza fl-ismijiet Maria Borg sive Mariella Borg pro et noe vs. Patrick Borg, deciza fit-2 ta` Frar 2011, kif ukoll mir-rapport peritali anness ma` l-istess sentenza u l-ohra fil-Qorti ta` l-Appell tat-3 ta` Frar 2012. Dan l-ammont huwa dovut skont nota spjegativa hawn annessa Dok B, C;*

*3. ILLI l-intimat kien impjegat mal-Favorite Channel. Illum jinsab impjegat full time mal-istazzjon PBS. .*

*Illi barra x-xoghol tieghu full time mal-PBS, l-intimat ghandu dhul iehor extra fuq il-business tieghu tal-videografija u issa anke professjonalment il-fotografija kif tixhed tajjeb is-site tieghu stess www.lestilestudios.com,* ***doks (2A-2F)****, minn liema website l-Onorabbli Qorti tista` facilment tara il-varjeta` tas-servizzi professjonali illi huwa joffri;*

*4. ILLI sabiex l-esponenti tissostanzja dak li qeghda tghid, huwa bizzejjed li jissemma illi f` Lulju tat-2013 gie imqabbad mill-kumpannija privata ta` Mr. Paul Chetcuti, Catwalk Productions, sabiex jigbed diversi photo shoots fil-Bulgarija ghall-Miss European Tourism 2013, diversi dokumenti hawn annessi* ***(1A-1K)****. Illi sabiex ghamel dan ix-xoghol professjonali dam imsiefer ghal aktar minn gimgha. Fid-diskrezzjoni tal-Onorabbli Qorti sabiex tasal ghal konkluzjoni ta` x`seta` kien il-hlas ta` tmien t`ijiem xoghol professjonali barra l-pajjiz;*

*5. ILLI fl-10 ta` Awwissu 2013, l-intimat Patrick Borg gie mqabbad u gibed photo shoot ta` mudelli, f` Caesar`s House fin-Naxxar. Illi fl-20 ta` Settembru kien imqabbad minn kumpannija privata biex jiffilmja "l-annual boxing event" fil-Bugibba Holiday Complex. Illi il-kapacitajiet professjonali tal-intimat bhala videographer gew ben notati anke fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-familja tat- 2 ta` Frar 2011 u dan kif ukoll jixhdu sew id-dokumenti mmarkati **(3A-3R)** hawn annessi li tnizzlu mill-internet site tieghu li juru n-negozju professjonali tal-intimat;*

*Illi dawn huma ukoll provi cari li llum l-intimat ghadu ghaddej bin-negozju ukoll, liema negozju professjonali jhalli dhul kbir.*

*Illi l-intimat gie inutilment interpellat b`ittra bonarja u lanqas irrisponda. Huwa jipposjedi karozza registrata fuq isem missieru, b`mod illi missieru li ghandu madwar 80 sena, u jghix bil-pensjoni, izomm zewg karozzi ; minn ricerki fuq l-intimat jirrizulta li dan ma ghandux proprjeta` immobiljari. Wara mandat ta` sekwestru 1750/03, irrizulta li l-banek ma jzommux flus tieghu, il-mandat ghadu in vigore sal-lum;*

*6. Illi peress li l-intimat illum huwa impjegat mal-PBS, din l-awtorita` thallas billi tiddepozita s-salarji dovuti f`kont li jkun indikat lilha mill-impjegat f`dan il-kaz mill-intimat. Illi skont ir-rizultat tal-mandat ta` sekwestru l-intimat ma jiddepositax flus fil-kont bankarju f`ismu, li hija kontradittorja ghall fatt li il-PBS jiddepozita s-salarji ta` l-impjegati f`kont bankarju indikat mill-istess impjegat.*

*Illi mis-suespost jidher illi l-intimat ma onorax l-obbligi tieghu ta` arretrati ta` manteniment skont is-sentenza u ghadu sal-lum jisfida ordni ta` Qorti ta` manteniment.*

*Il-lifestyle ta` l-intimat jindika s-segwenti*

*A l-istil ta` hajja li jghix f`konkubinacc kontinwu. Fil-fatt fil-process tal-kawza hemm imsemmi diversi ismijiet ta` nisa li ghamel diversi xhur jghix maghhom u li qatt ma cahadhom anke gew ben notati fis-sentenza tal-Qorti tal-Familja. Illi ghal dan l-ahhar sentejn bena relazzjoni ma certu Marcelle Triganza. Illi ma` din il-persuna isiefer fuq vaganzi kif jixhdu d-dokumenti hawn annessi, l-aktar ricenti fejn huma marru f` Awwissu gita ta*

*8 t`ijiem Barcellona kif ukoll gita ricenti f` Ottubru fi Bristol doks annessi* ***(4A-4D). Dan qed jinghad biex jintwera illi l-intimat ghandu mezzi u fondi ghall-vaganzi ma` terzi, imma mhux qed japplika dawn l-ammonti ghal arretrati ta` manteniment u hlasijiet ordnati mill-Qorti.***

*B. Illi din il-hajja ta' l-intimat bil-fors li wiehed irid jonfoq flus kif anke jixhdu r-ritratti hawn annessi dok (5a,5b) ta` weekend break mal-girlfirend tieghu. Ir-raguni ghala f`okkazjoni wahda ghax kienet poggithom il-girlfriend fis-site taghha u kif appena saru jafu li kopja ta` dawn ir-ritratti gia jinsabu fil-process tal-appell minnufih gew irtirati minn fuq is-site. U barra dan wiehed jiehu in konsiderazzjoni li jekk ghandu relazzjoni ma` persuna huwa fatt accettat li r-rigali ma jonqsux.*

*Illi r-rikorrenti thoss li ma baqalha l-ebda triq ohra biex issir gustizzja maghha hlief l-effett li jista` jkollu l-hrug tal-mandat in procintu.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja li jsiru l-verifika necessarji, tordna l-hrug a tenur ta` l-Art 388G ta` Mandat Ezekuttiv in procintu taht dawk il-kondizzjonijiet li jidrulha xierqa.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti.

Rat ukoll id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet, u x-xiehda bl-affidavit b`dokumenti annessi li pprezentat ir-rikorrenti fit-12 ta` Dicembru 2013.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta` Mejju 2014.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat fis-26 ta` Mejju 2014 li taqra :–

*Illi in segwitu ghas-seduta mizmuma nhar id-19 ta` Mejju, 2014, l-esponenti nghata gimgha zmien sabiex jipprezenta r-risposta guramentata*

*tieghu u in ottemperament ma` l-ordni moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti, l-esponenti qieghed jintavola l-umli risposta tieghu ;*

*Illi l-esponenti ser jghaddi sabiex igib a` kkonjizzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti l-fatt illi huwa talab sabiex lilu jigi mghoddija l-Atti processwali tal-kawzi supra ndikati, cioe` citazzjoni numru 1192/03 u l-Atti tal-Appell, izda sfortunament gie nfurmat illi l-process li fih jinsabu l-Atti kollha ma jistax jigi ntraccat gewwa l-arkivji tal-Qrati taghna, ghaldaqstant l-esponenti fir-risposta tieghu ser jghaddi biex jirrispondi abbazi tad-dokumenti li huwa ghandu fil-pussess tieghu ;*

*Illi r-rikorrenti qeghda titlob lill-esponenti jhallas is-somma ta` disgha u tmenin elf u wiehed u sebghin Ewro (€89,071), liema somma giet kanonizzata in forza ta` sentenza moghtija mill-Qorti tal-Familja Sezzjoni tal-Familja numru 1192/2003 nhar it-2 ta` Frar 2011 u permezz ta` sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta` Frar, 2012, numru 1192/2003 fl-ismijet Maria maghrufa Mariella Borg, f`isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta` binha minuri Danskie Dean Borg ghal kull interess li jista jkollu vs Patrick Borg ;*

*Illi permezz tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar it-2 ta` Frar, 2011 ir-rikorrenti giet kanonizzata fl-ammont ta` €27,616.60*[1] *(ammont indikat fl-istess sentenza) konsistenti f`arretrati ta` manteniment (mill-liema ammont irid jitnaqqas kull pagament li sar mill-esponenti), LM6,773 (€15,776.85) somma li r-rikorrenti rceviet mill-Airmalta mat-tmiem tal-impjieg taghha (ammont indikat fir-rapport peritali li ghalih l-ewwel Qorti ghamlet referenza), LM689 (€1,604) somma li r-rikorrenti rceviet mill-Airmalta wara ncident, LM500 (€1,164) prezz ta` vettura Peugeot (kreditu parafernali u li gie ndikat fir-rapport peritali mill-ewwel Qorti) u l-ammont ta` LM1,464 (€3,317) rappresentanti nofs id-differenza mhallsa fuq vetturi ;*

*Illi s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta` Frar, 2012 taht is-sezzjoni manteniment spjegat illi s-somma ta` €27,616.60 tinkludi fiha l-arretrati ta` manteniment cioe` €349.41 x 12 x 4 = €16,771.68 u mizati kull xahar €225.95 x 12 x 4 = €10,845.60, total ta` €27,616.60, somma li regghat giet konfermata fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell ;*

---

[1] Dan l-ammont gie maqsum f'arretrati dovuti bhala manteniment u rati mensili ta' school fees.

*Illi f`dawn il-proceduri r-rikorrenti ghamlet referenza u sahansitra nkludiet dokumenti ta` pagamenti li saru mir-rikorrenti lill-Bank of Valletta dan wara li l-bank stitwa proceduri sabiex jigbor lura l-ammont f`dejn illi l-konjugi Borg kellhom mal-bank, irrispettivament mis-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti (liema dejn kellu jithallas mill-partijiet bil-mod kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti[2]) ;*

*Illi r-rikorrenti ma tistax tinqeda` b`dawn il-proceduri sabiex tigbor lura s-sehem zejjed li allegatament qeghda tghid li gie mhallas minnha, jigifieri mir-rikorrenti ghan-nom ta` zewgha jigifieri l-esponenti, izda trid tintavola proceduri appoziti sabiex taghmel dan ;*

*Illi meta gie stitwit l-Appell incidentali, r-rikorrenti talbet lil Qorti tal-Appell sabiex il-Qorti tal-Appell tordna lill-esponenti jirrifondi s-somma fi flus fl-ammont ta` hmistax il-elf disa mija u tmenin Ewro (€15,980) li r-rikorrenti hallset lil Bank of Valletta, liema talba giet michuda dan wara li l-Qorti tal-Appell bhal l-Ewwel Qorti kienet cara dwar din it-talba, cioe` li mhiex ser tiddisturba l-hsieb tal-Ewwel Qorti u ma kienx kompitu tal-Qorti tal-Appell tindaga f`isem ir-rikorrenti sabiex tikkonkludi jekk din it-talba realment hiex korretta jew le, ghalhekk din it-talba ghar-rifuzjoni fl-ammont ta` hmistax il-elf disa mija u tmenin Ewro (€15,980) giet michuda ;*

*Illi oltre dak li l-Ewwel Qorti kkanonizzat, il-Qorti tal-Appell ikkanonizzat favur ir-rikorrenti s-somma ta` tmintax il-elf hames mija u hdax u hamsin centezmu (€18,511.50) bhala pretensjoni minnha mitluba fuq id-dhul generat mix-xoghol tal-esponenti ;*

*Illi fir-rigward tas-somma ta` tmenin elf u wiehed u sebghin Ewro (€89,071), ir-rikorrenti nkludiet fiha t-taxxa legali tal-Qorti fuq drittijiet professjonali, eskluz l-imghax legali mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell sal-hlas effettiv ;*

*Illi l-esponenti jirrileva li l-Ewwel Qorti kienet qatghat u ddecidiet li l-ispejjez tal-ewwel istanza jkunu a kariku tal-konvenut, cioe` l-esponenti, jigi rilevat li s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti ma saret ebda referenza ghall-interessi u/jew imghax legali, inoltre fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell gie deciz illi l-ispejjez marbuta mal-Appell iridu jithallsu bin-nofs bejn*

---

[2] Dejn fl-ammont ta' LM12,094 li minnhom l-esponenti kellu jhallas is-somma ta' LM10,425, mentri r-rikorrenti kellha thallas is-somma ta' LM2,575.

*il-partijiet minghajr u ghal darb`ohra ma saret ebda referenza ghal xi interessi jew imghax legali ghalhekk ir-rikorrenti ghandha taghmel ir-ratizzazzjoni tat-taxxi de quo u tindika bil-preciz x`inhu dak l-ammont minnha pretiz bhala dovut f`dan ir-rigward ;*

*Illi inoltre l-Ewwel Qorti ikkanonizzat ghaf-favur l-esponenti s-somma ta` erbatax il-elf disa mija u tlieta u tletin u wiehed u sittin centezmu (€14,933.61) bhala sehemu mill-mobbli li jinsabu gewwa l-fond parafernali tar-rikorrenti (rapport peritali intestat ``kwantu ghall-ghamara fil-fond matrimonjali);*

*Tant ghandu x`jissottometti l-esponenti ghas-savju gudizzju ta` dina l-Onorabbli Qorti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-intimat.

Semghet ix-xiehda tar-rikorrenti fl-udjenza tal-15 ta` Lulju 2014, u rat id-dokumenti li pprezentat.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentat l-attrici fit-8 ta` Awissu 2014.

Semghet ix-xiehda ta` Arthur Galea, tal-intimat u ta` Paul Chetcuti fl-udjenza tal-10 ta` Novembru 2014, u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Audrey Ghigo fl-udjenza tal-20 ta` Jannar 2015 u rat id-dokument li pprezentat ix-xhud.

Semghet ix-xiehda ta` Carmelo sive` Charles Caruana fl-udjenza tal-10 ta` Marzu 2015, u rat id-dokument li pprezenta x-xhud.

Semghet ix-xiehda tal-intimat fl-udjenzi tal-10 ta` Marzu 2015 u tat-12 ta` Mejju 2015, u rat id-dokument li pprezenta x-xhud.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-27 ta` Ottubru 2015.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum.

## II. Sintesi tal-provi

**Ir-rikorrenti** xehdet li hija kreditrici tal-intimat fl-ammont ta` €89,071 skond sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawza fl-ismijiet "*Maria Borg sive Mariella Borg pro et noe vs Patrick Borg*" deciza fit-2 ta` Frar 2011, u skond sentenza tal-Qorti ta` l-Appell tat-3 ta` Frar 2012.

Tixhed illi l-intimat kien impjegat ma` Favourite Channel bhala editor. Fil-prezent huwa impjegat bhala cameraman mal-PBS. Barra dan ix-xoghol, l-intimat ghandu dhul iehor minn negozju tieghu tal-videografija u bhala fotografu professjonali : ara s-sit elettroniku - www.lesliestudios.com. Fix-xahar ta` Lulju 2013, kien inkarikat mid-ditta Catwalk Productions sabiex jigbed diversi photo-shoots fil-Bulgarija ghal Miss European Tourism 2013. Fl-10 ta` Awissu 2013, huwa kien inkarikat ukoll sabiex jigbed ritratti ta` mudelli. Fl-20 ta` Settembru 2013, kien inkarikat sabiex jiehu filmat tal-annual boxing event fil-Bugibba Holiday Complex. Min-negozju privat tieghu huwa qieghed jircievi dhul kbir.

Tistqarr illi l-intimat jippossjedi karozza registrata fuq isem missieru, u minn ricerki li ghamlet ma jirrizultax li ghandu propjeta` mmobbli, u wara l-ezekuzzjoni tal-Mandat ta` Sekwestru Nru 1750/2003, lanqas flus il-bank. Jidher illi s-salarju tal-intimat bhala mpjegat tal-PBS mhux qed imur go kont bankarju f`isem l-intimat.

Tghid illi l-intimat ghandu stil ta` hajja fejn ighix go konkubinacc kontinwu. Fl-atti tal-kawza tas-separazzjoni personali taghhom, jirrizultaw l-ismijiet ta` diversi nisa li ghamel zmien ighix maghhom u li qatt ma cahadhom minn xejn. Anke fil-prezent ghandu relazzjoni ma` mara ohra u jsiefer maghha regolarment ghall-btajjel.

Tishaq li bl-agir tieghu l-intimat qieghed ifixkel l-ezekuzzjoni tas-sentenzi li kisbet kontra tieghu mill-qrati.

Wara li rat r-risposta tal-intimat fil-procediment tal-lum, tghid illi ghalkemm l-intimat ighid li bhala manteniment huwa dovut l-ammont ta` €27,616, fil-fatt l-ammont dovut huwa ta` €34,521. Fejn ighid li tal-Air Malta huma dovuti €17,380, fil-fatt l-ammont dovut huwa €18,575. Cifra zbaljata ohra tirreferi ghal vettura ohra fejn huwa kiteb €3,317 u fil-fatt kellha tkun €3,411. Rigward s-self tal-Bank, ghalkemm l-intimat ighid li m`ghandu jhallas xejn, fis-sentenzi tal-qrati jinghad illi huwa jrid ihallas nofs l-ammont dovut u ghalhekk ladarba hi kienet hallset €31,961, hu ghandu jhallas nofs dak l-ammont. Dwar dak li qal li hija m`ghandhiex dritt titlob l-interessi, minhabba l-fatt li fil-kawza hi kienet talbet l-ispejjez u l-imghax dovuti, u l-qorti kienet laqghet t-talbiet taghha, ma hemmx dubju li l-imghax ghandu jithallas ukoll. Tghid li ghalkemm l-intimat isostni li hija ma naqqsitx l-ammont li huwa dovut lilu, dan ma huwiex hekk, ghaliex hija naqqset l-ammont ta` €18,636 ; ghalhekk l-ammont huwa €88,394 minflok €107,034.

**Arthur Galea** mill-Public Broadcasting Services Limited xehed illi l-intimat ilu impjegat maghhom mill-1 ta` Ottobru 2012. Ipprezenta kopja tal-FS3 minn fejn tirrizulta l-paga tal-intimat tieghu. Din tidhol direttament go kont l-HSBC Bank Malta plc ; id-dettalji jidhru fuq Dok PBS 4. Il-kont huwa f`isem Patrick Borg. Mistoqsi mill-Qorti jekk jistax ikun li dak il-kont mhuwiex f`isem l-intimat ghalkemm huwa indikat ismu, ix-xhud wiegeb li jista` dan ikun ; huma jimxu fuq in-numru tal-kont.

In vista tad-deposizzjoni ta` Arthur Galea, l-intimat issejjah biex jixhed mill-Qorti.

**L-intimat**, meta mistoqsi jekk il-numru tal-kont li jidher fid-Dok PBS 4 huwiex f`ismu, jixhed li l-kont mhuwiex f`ismu izda f`isem r-ragel ta` ohtu, Charlie Caruana.

**Paul Chetcuti** minn Catwalk Productions xehed illi jaf lill-intimat. Ikkonferma li l-intimat mar maghhom il-Bulgarija ; huma hallsu l-biljett tal-ajru tieghu, kif ukoll il-hotel. Talli ghamel maghhom il-Bulgarija, ma thallas xejn. Huwa mar maghhom bhala *freelance photographer*.

**Audrey Ghigo** minn HSBC Bank Malta plc xehdet illi l-kont nru 056068455003 huwa ntestat f'isem Carmelo Caruana ta` 2, Triq ix-Xini, Marsaxlokk. Il-kont infetah fit-18 ta` Mejju 2010.

**Carmelo Caruana** xehed illi l-intimat jigi hu l-mara tieghu. Il-kont tal-HSBC nru 056068455003 huwa f'ismu u fih tidhol il-paga tal-intimat. Fetah il-kont ghax talbu l-intimat sabiex jaghmel hekk. Il-kont infetah fit-18 ta` Mejju 2010. Fil-kont huwa qatt ma qieghed flus minn tieghu. Il-flus kienu dejjem tal-intimat biss. L-intimat jizbanka minn dan il-kont bil-card. Mistoqsi x`kienet r-raguni ghaliex l-intimat talbu jiftah dan l-kont, ix-xhud ra dik it-talba bhala haga normali. Mistoqsi mill-qorti jekk l-intimat ghamilx hekk sabiex r-rikorrenti ma tkunx tista` taghmel mandat fuq il-flus depositati fil-kont, ix-xhud wiegeb li mhux hekk huwa l-kaz ; l-intimat talbu biss biex ikollu kont f'ismu. Mistoqsi jekk missier l-intimat li ghandu 85 sena isuqx, ix-xhud qal li llum ma tantx isuq. Fil-**kontroezami**, ix-xhud stqarr illi huwa ma jafx x`uzu jaghmel l-intimat minn dawn il-flus.

Meta xehed **l-intimat** kien mistoqsi mill-Qorti jekk wara l-kont tas-26 ta` Jannar 2015, fejn irrizulta li kien hemm €11,265.25, dahlux aktar flus, l-intimat wiegeb li kien hemm aktar flus, billi kull 29 gurnata tidhol il-paga ta` cirka €1,600. Mistoqsi jekk minn din d-data `l hawn kienx hemm zbank, huwa kkonferma li hekk hu, ghalkemm stqarr illi huwa aktar ihalli flus fil-kont milli jizbanka. Mistoqsi mill-Qorti x`uzu jaghmel mill-flus, l-intimat wiegeb illi huwa jghix mal-genituri tieghu, jiekol kuljum ghandhom, u ma jhallasx kontijiet, hlief ghall-petrol tal-karozza li xtralu missieru, sigaretti, mobile u l-kont tal-Melita. Mill-kont huwa jhallas l-manteniment tar-rikorrenti li jammonta ghal €470. Minbarra dan huwa jhallas anke l-mizata tal-iskola tat-tifel.

Mistoqsi jekk fil-fatt huwa kienx jaqla` aktar mill-€1,600 li semma, stqarr illi gieli jaqla €2,000. Imma l-€1,600 hija l-paga bazi. Jaqla` aktar meta hemm shows specjali bhall-Eurovision Song Contest. Ikkonferma li bejn l-1 ta` Ottobru 2012 u l-ahhar ta` Dicembru 2014 kien hemm fil-kont madwar €53,893 u huwa zbanka €42,385 sabiex b`hekk thalla bilanc ta` €11,000.

Qal illi l-impieg tieghu mal-PBS huwa ta` editor u cameraman. Is-salarju tieghu jirrizulta mill-payslip li pprezenta bhala Dok PB1. Qal illi jkun

hemm okkazjonijiet fejn huwa jahdem *overtime*, izda dan mhux regolari. Mill-paga netta jhallas l-€470 lir-rikorrenti bhala manteniment ghat-tifel taghhom. Ighid li huwa jorqod fid-dar tal-partner tieghu izda matul il-jum imur ghand il-genituri tieghu. M`ghandux proprjeta f`ismu ghaliex anke l-karozza qeghda f`isem missieru ghaliex hu kien xtrahielu. Il-paga mill-PBS tmur fil-kont tal-HSBC f`isem Carmelo Caruana. Ma zammx kont bankarju f`ismu minhabba s-sekwestru li ghamlet il-mara kontra tieghu. Mistoqsi mill-Qorti jekk allura ghamilx dan l-kont sabiex jevita li r-rikorrenti tohodlu l-flus, l-intimat ikkonferma li hekk hu. Stqarr illi bejn l-2003 u llum ir-rikorrenti diga` hadet minghandu madwar €70,000 f`manteniment.

Mistoqsi mill-Qorti kemm huwa l-ammont li ghad irid ihallas lir-rikorrenti jghid li dan huwa €80,000 skont is-sentenza. Flus mnejn ighati lir-rikorrenti m`ghandux. Li kieku kellu hallas. Cahad li kellu xoghol iehor apparti l-PBS.

Fil-**kontroezami**, l-intimat ikkonferma li ma kienx thallas ghal xoghol li ghamel ta` fotografu. Mistoqsi allura dwar riklam li deher fuq il-website tieghu fejn jinghad li huwa ghamel cirka 2,000 tieg, l-intimat fisser li dawk saru meta hu u l-mara kellhom kumpannija ; dak kien xoghol risalenti ghall-1998. L-ahhar tieg li hadem kien fil-10 ta` Ottobru 2010. Wara beda jahdem mal-PBS u ma setax jaghmel iktar tigijiet. Ikkonferma li kien thallas ghal dak l-ahhar tieg. Ma setax ikompli billi l-apparat tieghu kien inqabad b`ordni tal-qorti. L-apparat ghamel zmien mitluq go garage sakemm hadu lura.

## III. Is-sottomissjonijiet fil-qosor

### 1) Ir-rikorrenti

Ir-rikorrenti tissottometti illi l-intimat b`qerq u malizzja pprokura li l-paga li huwa jircievi minghand il-Public Broadcasting Services Limited, minbarra qliegh iehor sostanzjali, ma jkunx jidher. Dan kellu l-konsegwenza li minkejja diversi tentattiv da parti taghha qatt ma rnexxielha tissekwestra l-paga jew flus ohra tal-intimat. Sal-lum l-uniku flus li qieghed johrog l-intimat huwa l-manteniment dovut ghal iben il-kontendenti. It-tentattiv tal-intimat li jahrab l-obbligi tieghu rrizulta waqt dan il-procediment. Infatti l-uniku skop tal-intimat illi l-flus mis-salarju jmorru go kont tal-bank intestati

lil Carmelo Caruana kien sabiex jibqa` ma jhallasx l-ammont li l-konvenut kien ordnat ihallasha mill-qrati.

Ir-rikorrenti tikkontendi illi saret il-prova ta` kemm l-intimat ghandu xoghol privat, liema xoghol jirrendi eluf ta` ewro. Fil-website tieghu l-intimat jiftahar li ha hsieb madwar 2,000 tieg, b`kull tieg jithallas madwar €700, minbarra l-photo-shoots li jaghmel regolarment. F`daqqa wahda l-qliegh tal-flus mix-xoghol privat sfuma ghal kollox jew kif ighid l-intimat dak ix-xoghol beda jsir minghajr hlas. Skond ir-rikorrenti, l-imgieba tal-intimat ma hija xejn ghajr disprezz lejn l-Awtorita` ta` l-Qorti.

Issostni r-rikorrenti illi kien propju minhabba kazi bhal taghha li l-legislatur haseb ghall-mandat *in procinctu* propju sabiex issir tabilhaqq gustizzja.

Ir-rikorrenti tghid illi gabet il-prova ta` kemm jaqla` l-intimat. Ghalhekk ir-rikorrenti qeghda titlob lil din il-Onorabbili Qorti sabiex tordna illi s-salarju kollu li bih jithallas l-intimat minghand il-PBS jibda jithallas gewwa kont bankarju ndikat minnha, bla ma jkun hemm tnaqqis tal-ammont ta` €698.81 skond l-Art 382 tal-Kap 12. Qeghda titlob hekk anke a tenur tal-Art 381(2) anke ghaliex parti sostanzjali mill-ammont dovut lilha huwa manteniment li kien dovut u baqa` ma thallasx.

Ir-rikorrenti qeghda titlob ukoll illi s-somma kollha li hemm fil-kont intestat lil Carmelo Caruana, u cioe €11,000, li skond kif xehed l-intimat stess tappartjeni lilu, tigi depozitata fil-kont tar-rikorrenti.

Titlob ukoll illi l-vettura illi suppost hija proprjeta` tal-missier, li pero tintuza unikament mill-intimat, tigi trasferita ghal fuq isimha.

Finalment titlob illi l-Qorti torbot lill-intimat illi fil-kaz li ma jobdiex l-ordnijiet taghha, ssibu hati ta` disprezz lejn l-Awtorita taghha u tikkundannah l-piena li jkun jisthoqqlu.

## 2) <u>L-intimat</u>

Min-naha tieghu, l-intimat jikkontendi li dwar l-allegazzjoni li huwa qligh sostanzjali minn xoghol privat bhala fotografu, ir-rikorrenti ma gabet l-ebda prova ta` x`hinu dan l-introjtu. Li kieku din il-prova kienet tissussisti, ir-rikorrenti ma kenitx sejra toqghod lura u ggib il-prova ta` l-allegazzjoni taghha permezz ta` klijenti li lilhom irrendhielhom servizz u bi hlas. Ix-xiehda ta` Paul Chetcuti ma thalli ebda dubju.

Ghal dak li ghandu x`jaqsam mal-uniku salarju li jghid li jircievi mill-PBS, l-intimat jirreferi ghall-Art 381(1) (a) u l-Art 382 tal-Kap 12. Ghalkemm dawn d-disposizzjonijiet ma jinkwadrawx ruhhom fid-disposizzjonijiet tal-Mandat *in procinctu*, l-intimat jissottometti illi l-ispirtu wara mizura socjali bhalma hija din, intiza sabiex tipprovdi ghal manteniment baziku ta` persuna, ghandha tigi applikata anke f`din s-sitwazzjoni. Ghalhekk, jekk din il-Onorabbili Qorti tilqa` t-talba tar-rikorrenti, l-intimat jesprimi ruhu fis-sens illi l-ewwel €698.81 mill-paga tieghu m`ghandhomx ikunu kolpiti.

L-intimat jirrileva li huwa ghadu jhallas €470 kull xahar bhala manteniment ghal iben il-partijiet, u dan b`riferenza ghall-Art 381(1)(e) tal-Kap 12.

Ghal dak li ghandu x`jaqsam mal-vettura, l-intimat ighid mhuwiex kontradett meta jghid li dik il-vettura kienet akkwistata minn missieru ghall-uzu tieghu. Ir-rikorrenti ma gabet l-ebda prova li l-flus li ntefqu ghall-karozza kienu tieghu mhux ta` missieru.

Rigward disprezz, l-intimat isostni lit alba ta` dik ix-xorta kellha ssir fir-rikors promotur mhux fin-nota ta` sottomissjonijiet. Inoltre skont l-Art 388G tal-Kap 12, il-Qorti tista` biss tohrog dawk l-ordnijiet li hija tqis necessarji sabiex jigu ezegwiti l-ordnijiet li hemm fis-sentenza. Minn imkien ma jirrizulta li r-rikorrenti tista` titlob lill-Qorti tipprocedi ghal disprezz fl-ambitu ta` procediment tax-xorta ta` dak tal-lum.

## IV. <u>Il-Mandat *in procinctu*</u>

Il-Mandat *in procinctu* dahal fil-ligi taghna bl-**<u>Att XIV tal-2006</u>** meta dahal artikolu gdid fil-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta u cioe` **<u>l-Art 388E</u>**.

Imbaghad bl-**Att VIII tal-2010** id-disposizzjoni ma baqghetx bin-nru **Art 388E** izda saret **Art 388G**.

Id-dicitura baqghet l-istess kemm meta d-disposizzjoni kienet Art 388E kif ukoll kif inhi llum Art 388G.

Taqra hekk :–

*(1) Bla ħsara għal disposizzjonijiet oħra li jinsabu fit-Titolu VII ta` dan il-Kodiċi, il-qorti tista` fuq talba tal-parti, toħroġ dawk l-ordnijiet lir-Reġistratur li hija tqis neċessarji sabiex jiġu eżegwiti l-ordnijiet li hemm fis-sentenza :*

*Iżda dan il-mandat m`għandux jinħareġ ħlief wara rikors mill-kreditur għal dan il-għan u wara li l-qorti tkun sodisfatta li l-kreditur ma għandu ebda mezz ta` eżekuzzjoni ieħor.*

*(2) Ir-rikors għandu jkun fih b`mod ċar ir-raġuni għaliex hemm bżonn ta` dawn l-ordnijiet u għandu jiġi dekretat dwar dan wara li jiġi notifikat lid-debitur, li jkollu erbat ijiem żmien sabiex iwieġeb.*

**In-natura tal-Mandat *in procinctu* kienet trattata fil-provvediment li tat il-Qorti tal-Appell fis-26 ta` Gunju 2009 fil-procediment "John Patrick Hayman et vs Edmond Espedito Mugliett et" (Rik. Nru. 284/2009/1).**

Il-Qorti qalet hekk :-

***15.*** *Ghalkemm l-Artikolu 388E gie mizjud fil-Kap. 12 bl-Att XIV tal-2006, kien biss fil-bidu ta' din is-sena li din id-disposizzjoni giet fis-sehh (ara l-A.L. 342/2008). Il-kliem ossia l-espressjoni "in procinctu" tat lok ghal mhux ftit kurzita` fost il-membri tal-professjoni legali. Litteralment l-espressjoni bil-Latin "in procinctu" jidher li tfisser "with loins girded" – mill-kliem pro, quddiem, u cinctus li huwa l-participju passat tal-verb cingere, torbot jew iddawwar – u tirreferi ghall-prassi tar-Rumani li qabel ma jingaggjaw fil-battalja jorbtu sew it-toga jew ilbies iehor li talvolta kienu jkunu lebsin sabiex ma jkollomx xkiel waqt it-taqtigha. Din l-espressjoni giet eventwalment tfisser "preparat ghall-battalja", u tat lok ukoll ghall-espressjoni Taljana "in procinto" li tfisser li wiehed ikun preparat, lest biex jaghmel xi haga (ez. "in*

*procinto di partire"). Fid-Dritt Ruman antik kien hemm dak li jissejjah testamentum in procinctu li kien isir minn dawk li kienu jkunu ltaqghu ghal xi battalja. Dan kollu, pero`, ftit li xejn jitfa' dawl fuq il-mandat li dwaru jitkellem l-Artikolu 388E tal-Kap. 12. Dak li hu zgur hu li b'dan il-mandat gdid il-legislatur ried li jkun hemm mezz, pjuttost straordinarju, li bih persuna li tkun rebhet il-kawza u li allura tkun kreditrici ta' obbligazzjoni tkun tista', fin-nuqqas li tikseb sodisfazzjon b'mezz ta' ezekuzzjoni iehor, tassigura l-ezekuzzjoni ta' dik is-sentenza billi titlob lill-Qorti sabiex jinghataw dawk l-ordnijiet lir-Registratur li dik il-Qorti tqis necessarji ghall-fini ta' tali ezekuzzjoni. Fil-fatt gie li jigri li ordni li tkun inghatat fil-konfront tal-parti sokkombenti ma tigix imwettqa minn dik il-parti, bir-rizultat li l-kreditur tal-obbligazzjoni jibqa b'sentenza favurih pero` bla rimedju effettiv – kif spiss jigi lmentat f'kazijiet simili, il-kreditur tal-obbligazzjoni jkun jista' biss ipoggi s-sentenza fi gwarnic ! Kif inhu risaput, il-procedura ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti skond l-Artikoli 1003A u 997 tal-Kap. 12 tista' twassal ghal forma ta' "kastig" fil-konfront ta' min ikun naqas li jottempera ruhu ma' ordni ta' qorti, izda tali procedura ma twassalx per se ghall-ezekuzzjoni ta' dak l-ordni jew sentenza – apparti d-dewmien necessarjament marbut mal-mod bizantin kif dawn il-proceduri jridu jitmexxew skond il-ligi vigenti. Huwa naturalment inaccettabbli li jkun hemm sentenza li pero` ma tkunx tista' tigi effettivament ezegwita minhabba l-maniggi tad-debitur tal-obbligazzjoni u n-nuqqas ta' mezz effikaci ta' ezekuzzjoni. Kien proprju biex jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas li l-legislatur haseb ghall-mandat in procinctu – u forsi jekk wiehed jara dan il-mandat, kif neccessarjament irid wiehed jarah, minn din l-ottika, cioe` bhala rimedju straordinarju, l-espressjoni in procinctu mhix ghal kollox barra minn lokha.*

***16.*** *Id-disposizzjoni in dizamina – l-Artikolu 388E – tipprovdi hekk :*

***"(1) Bla hsara ghal disposizzjonijiet ohra li jinsabu fit-Titolu VII ta' dan il-Kodici, il-qorti tista' fuq talba tal-parti, tohrog dawk l-ordnijiet lir-Registratur li hija tqis necessarji sabiex jigu ezegwiti l-*ordnijiet li hemm fis-sentenza :**

***"Izda dan il-mandat m'ghandux jinhareg hlief wara rikors mill-kreditur ghal dan il-ghan u wara li l-qorti tkun sodisfatta li l-kreditur ma ghandu ebda mezz ta' ezekuzzjoni iehor.***

***"(2) Ir-rikors ghandu jkun fih b'mod car ir-raguni ghaliex hemm bzonn ta' dawn l-ordnijiet u ghandu jigi dekretat dwar dan wara li jigi notifikat lid-debitur, li jkollu erbat ijiem zmien sabiex iwiegeb."***

*17. Jigi osservat fl-ewwel lok li l-legislatur ma llimitax it-tip jew in-natura ta' l-ordnijiet li l-Qorti tista' talvolta taghti lir-Registratur. Sakemm l-ordni jkun legali skond il-principji generali tad-dritt u sakemm il-Qorti tkun tal-fehma li tali ordni huwa necessarju sabiex is-sentenza tigi ezegwita, dak l-ordni jista' jinghata lir-Registratur. Il-proviso tas-subartikolu wiehed, izda, jargina xi ftit is-setgha tal-Qorti. Il-Qorti ma tistax tipprocedi ex officio izda biss fuq talba tal-kreditur tal-obbligazzjoni ; u l-Qorti trid ukoll tkun sodisfatta li tali kreditur "ma ghandu ebda mezz ta'ezekuzzjoni iehor". Din l-ahhar espressjoni – "ma ghandu ebda mezz ta' ezekuzzjoni iehor" – tpoggi, kif tajjeb osserva l-abbili difensur tal-appellati, il-mandat in procinctu fuq l-istess livell tal-mandat in factum. Dwar dan ta' l-ahhar, in fatti, is-subartikolu (4) tal-Artikolu 385 jipprovdi hekk : "Il-qorti ghandha biss tohrog il-mandat jekk tkun sodisfatta li l-kreditur ma ghandux mezz iehor ta' ezekuzzjoni". Kemm il-mandat in factum kif ukoll il-mandat in procinctu m'ghandhomx jinhargu leggerment, u l-Qorti ghandha dejjem tkun kawta biex tali mandati ma jinhargux meta effettivament hemm xi mezz iehor ta' ezekuzzjoni, jigifieri xi mandat iehor, li jkun jista' jaghti ezekuzzjoni effettiva ghas-sentenza jew ordni taghha jew, bhal f'dan il-kaz, tal-Qorti ta' l-Appell. Kif tajjeb josservaw l-appellanti, il-mandat in procinctu m'ghandux iservi biex jigu sorvolati jew raggirati mandati ohra li jkunu jaghtu mezz effettiv ta' ezekuzzjoni.*

## V. <u>Konsiderazzjonijiet ta` l-Qorti</u>

Fuq l-iskorta tal-provi li tressqu fil-procediment tal-lum, u konfortata mill-pronunzjalment tal-Qorti tal-Appell, din il-Qorti taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet :-

1) Huwa ppruvat li favur taghha, ir-rikorrenti ghandha sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell li l-intimat baqa` sal-lum ma ssodisfax l-obbligazzjonijiet li johorgu minnha a favur tar-rikorrenti.

2) Jirrizulta li ghalkemm ir-rikorrenti ppruvat tezegwixxi t-titolu ezekuttiv li ghandha favur taghha kontra l-intimat, ma rnexxielhiex taghmel dan bl-ezekuzzjoni ta` Mandati Ezekuttivi <u>**ohra**</u>.

3) Taccetta li r-rikorrenti kellha tirrikorri ghal dan il-Mandat li min-natura tieghu huwa straordinarja sabiex tezegwixxi s-sentenza.

4) Huma ppruvati ghas-sodisfazzjon taghha li l-intimat ghamel minn kollox sabiex jeludi l-kreditu li ghandha r-rikorrenti fil-konfront tieghu billi sahansitra – issa ghal numru ta` snin – fetah kont bankarju f'isem persuna tigi minnu biex is-salarju tieghu imur hemm bla ma jkun jista` jigi kolpit b`Mandat ta` Sekwestru. Ftit li xejn taghti affidament il-Qorti lill-intimat meta jipprova jikkonvinciha li jaghmel xoghol privat – limitat jew mifrux huwa rrilevanti – bla ma jithallas tieghu. Daqstant iehor bil-kemm temmen il-Qorti lill-intimat meta jsostni li missieru xtaralu karozza ghall-uzu tenut kont tac-cirkostanzi kif u ghaliex sar l-allegat akkwist.

5) Skond is-sentenza, l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti :-

| | | |
|---|---|---|
| Dejn | € 16,653 + | |
| Arretrati ta` manteniment | € 34,521 | 37,775.13 * |
| Dhul min-negozju - | € 18,511 | |
| Spejjez gudizzjarji | € 11,613 | |
| Vettura | € 3,411 | |
| Vettura parafernali - | € 1,165 | |
| Airmalta | € 17,407 | |
| **TOTAL** | € 103,281 - | 106,535.13 * |
| Dovuti lill-intimat | € 18,636 | |
| **BILANC** | **€ 84,645** | 87,899.13 * |

6) Dwar xi whud minn dawn il-figuri, il-Qorti tirrileva hekk :-

a) A fol 35 ir-rikorrenti pprezentat prospett ta` dak li qed tippretendi. Dwar d-dejn, ir-rikorrenti qeghda tippretendi l-hlas ta` €15,980. Skont is-sentenza tal-Ewwel Qorti, pagna 7, hemm illi l-ammonti kollha mhallsa sat-30 ta` Gunju 2003, minn liema parti thallsu, thallsu mill-introjtu taghhom meta l-komunjoni tal-akkwisti kienet ghadha vigenti u ghalhekk ma kienx hemm lok ghal rifuzjoni. L-Ewwel Qorti tkompli li ghandha lok ghal rifuzjoni ta` nofs l-ammont imhallas minn wara din d-data. Dwar d-dejn, mill-istatements ezebiti, jidher li r-rikorrenti hallset l-ammont totali ta` €33,306.52. Ghalhekk ai termini ta` din s-sentenza l-ammont dovut lilha huma €16,653 (ghad-dritt).

b) Dwar il-karrozza, l-intimat jikkontesta l-ammont, izda kif tghid korrettement ir-rikorrenti meta l-ammont ta` Lm1,464 (jirrizulta mir-rapport tal-perit legali fol 29) jigi konvertit ghal ewro jirrizulta li l-ammont huwa €3,411 u mhux €3,317. Ghalhekk il-figura korretta hija dik tar-rikorrenti.

* Tliet (3) korrezzjonijiet awtorizzati b'digriet tat-8 ta' Frar 20..

A.[illegible] Dep. Reg.

c) Dwar is-somma tal-Airmalta, kif jidher a fol 33, l-ammont kien ta` Lm7,472.91 u ghalhekk dan jekwivali ghal €17,407.20 – u mhux €18,575 kif tghid r-rikorrenti.

d) Dwar il-manteniment, l-intimat ikkontesta li l-arretrati ta` manteniment jammontaw ghal €27,616, izda dan kien l-ammont li kien gie determinat mill-Ewwel Qorti qabel ma kien hemm talba mir-rikorrenti ghal korrezzjoni fis-sentenza. Din t-talba giet akkolta u l-ammont sar ~~€34,521~~. 37,775.13 *

e) Dwar id-dhul li r-rikorrenti tallega li l-intimat jaghmel mix-xoghol privat, il-Qorti ta` l-Appell fis-sentenza taghha qalet – "*Dwar id-dhul min-negozju, ... Din il-Qorti ezaminat l-atti u tara li, fil-verita, il-pretenzjoni attrici mhux daqshekk bla bazi. Hi pprezentat dokumenti li juri li r-ragel baqa jinnegozja anke wara li saret is-separazzjoni di facto. L-impjieg li kellu l-konvenut mal-istazzjoni "Favourite Channel" forsi kien spicca, izda kien impenjat sew f`ordnijiet ta` fotografu f`tigijiet. Din il-Qorti rat li l-konvenut dahhal jew kellu jdahhal is-somma ta` €37,023 minn dan x-xoghol ...*"

7) Il-Qorti hija sodisfatta li r-rikorrenti ppruvat il-fondatezza tal-kreditu taghha kontra l-intimat.

8) Il-Qorti tinsisti li l-bzonn ta` dan il-Mandat gie unikament minhabba l-imgieba tal-intimat. Jirrizulta li l-intimat ma halla prattikament xejn fuq ismu sabiex ir-rikorrenti tkun tista` tezegwixxi t-titolu ezekutiv taghha. Tibqa` meraviljata l-Qorti bil-agir spregudikat tal-intimat illi bhal donnu xejn mhu xejn jirranga ma` Carmelo Caruana sabiex il-flus tal-paga jmorru go kont il-bank f`isem Carmelo Caruana. Imbaghad l-istess Caruana jasal biex jistqarr li ghalih procedura bhal din kienet haga normali. Tassew tal-misthija.

9) Hija gustifikata t-talba tar-rikorrenti illi l-paga tal-intimat tmur go kont bankarju intestat lilha sakemm jithallas il-kreditu kollu li ghandha kontra l-intimat.

10) Min-naha tieghu l-intimat ghalkemm fir-risposta tieghu pprova jissottometti li kien hemm minn dawn l-ammonti li ma kienux dovuti, huwa ma rnexxilux jipprova dan l-fatt u ghalhekk l-ammont kollu pretiz mir-rikorrenti huwa dovut. L-intimat ipprova jichad ukoll li huwa ghandu xi dhul mix-xoghol privat li huwa jaghmel. Din il-Qorti, kif fil-fatt ma emmnitx l-Ewwel Qorti, ma tistax temmen li minn dan x-xoghol privat l-intimat ma

* Korrezzjoni wahda (1) awtorizzata b'digriet tat-8 ta' Frar 2016
[signature] Dep. Reg.

*dak l-ordni lill-persuna illi għandha tagħti s-salarju, pensjoni, jew legat hawn fuq imsemmijin għandha l-istess effett daqs mandat ta` sekwestru; u l-persuna hekk innotifikata għandha tħallas direttament lill-kreditur il-parti tas-salarju, pensjoni jew legat speċifikat fil-mandat.*

12) L-**Art 382 tal-Kap 12** ighid :-

*(1) Fil-każ ta` salarju, paga, benefiċċju, pensjoni jew allowance imsemmija fl-artikoli 381(1)(a) u (b), ħlief għal kull benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, meta dawk jeċċedu sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċentezmu (698.81) fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista` minn żmien għal żmien b`ordni jistabbilixxi, il-ħruġ ta` mandat ta` sekwestru jkun jgħodd fuq dik il-parti li teċċedi l-ammont imsemmi qabel :*

*Iżda jekk id-debitur jagħmel rikors li fih juri għas- sodisfazzjon tal-qorti li huwa jkollu bżonn dak l-eċċess jew parti minnu għall-manteniment tiegħu jew għall-manteniment tal-familja tiegħu, il-qorti għandha tħassar il-mandat ta` sekwestru dwar dak l-eċċess jew dik il-parti minnu, u wara hekk l-imsemmi mandat għandu jitqies li jkun u li kien mingħajr effett safejn ikun ġie revokat :*

*Iżda wkoll dan l-artikolu ma jgħoddx għas-salarju ta` uffiċjal jew raġel fil-forza regolari ta` Malta.*

13) Mid-dokumenti tal-paga tal-intimat, jirrizulta li huwa ghandu paga ta` €22,705.15 fis-sena, u cioe` cirka €436.64 kull gimgha, u dan wara li tinqata` t-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali. Ghalhekk kull erba` gimghat, jidher li l-intimat jippercepixxi madwar €1,746. Minn dawn jirrizulta li jhallas l-manteniment dovut ghat-tifel ta` €470 fix-xahar. B`hekk ikun jifdal €1,276. Jekk tibqa` protetta s-somma ta` €698.81 skont l-Art 382, is-somma li tkun tista` tircievi r-rikorrenti hija ta` €577.19 fix-xahar ; dan kollu skont il-payslip tal-intimat. Meta l-Qorti rat l-istatements tal-HSBC relattivi ghall-2014, jirrizulta li l-intimat ircieva bhala salarju madwar €26,589.

14) Il-Mandat *in procintu* huwa Mandat Ezekuttiv straordinajru li ghandu jintuza fic-cirkostanzi fejn il-kreditur ma ghandu l-ebda zbokk iehor u l-bibien l-ohra kollha maghluqa. Billi kien ippruvat ghas-sodisfazzjon taghha illi l-intimat ghamel li seta` sabiex jahrab mill-obbligazzjonijiet tieghu skont is-sentenza, il-Qorti mhijiex sejra tapplika l-eccezzjoni skont l-Art 382 tal-Kap 12.

Provvediment

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrenti billi :-

Tichad bis-shih il-linja difensjonali li ressaq l-intimat fir-risposta tieghu.

Tilqa` t-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta` Mandat *In Procinctu* kontra l-intimat.

Bl-applikazzjoni tal-Art 388G tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna lir-Registratur sabiex jassikura li jkunu ezegwiti l-ordnijiet kontenuti fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta` Frar 2012 fil-kawza fl-ismijiet *"Maria maghrufa Mariella Borg, f'isimha propju u bhala kuratrici ad litem ta` binha minuri Danskie Dean Borg ghal kull interess li jista` jkollu v. Patrick Borg" (Citaz Nru 1192/03 NC)* billi :-

1) B`effett mil-lum, is-salarju kollu u kull hlas iehor li jippercepixxi l-intimat mill-impieg tieghu mas-socjeta` Public Broadcasting Services Limited ghandu jigi depozitat direttament, minghajr rizervi u minghajr ebda tnaqqis skont l-Art 382 tal-Kap 12 mis-socjeta` Public Broadcasting Services Limited ghal go kont f'isem ir-rikorrenti Maria maghrufa bhala Mariella Borg sabiex jithallas il-kreditu li r-rikorrenti ghandha kontra l-intimat abbazi tas-sentenza fuq riferita. Ir-rikorrenti ghandha mmedjatament tindika lir-Registratur id-dettalji kollha tal-kont fejn se jsir id-depozitu.

2) B`effett mil-lum, kull ammont li llum hemm iddepozitat fil-kont bin-nru 056-068455-003 miftuh mal-HSBC Bank Malta plc u ntestat lil Carmelo Caruana ta` 2, Triq ix-Xini, Marsaxlokk, Customer Number 056-068455 ghandu jigi ttrasferit fil-kont f'isem ir-rikorrenti u li d-dettalji tieghu r-rikorrenti sejra taghti lir-Registratur. Anke d-depozitu relattiv ghandu jservi sabiex jithallas il-kreditu li r-rikorrenti ghandha kontra l-intimat abbazi tas-sentenza fuq riferita.

3) Hekk kif ir-Registratur jaccerta ruhu li l-kreditu kollu tal-attrici kontra l-intimat ikun thallas ghas-saldu, allura ghandu jieqaf il-versament skont l-ordni hawn fuq enumerata wiehed (1).

Tordna lill-intimat sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**